SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

18 ta' Diċembru 2008 *

Fil-Kawża C-349/07,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mis-Supremo Tribunal Administrativo (il-Portugall), permezz ta' deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2007, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-27 ta' Lulju 2007, fil-kawża

Sopropé — Organizações de Calçado, L^da^

vs

Fazenda Pública,

fil-preżenza ta':

Ministério Público,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn C. W. A. Timmermans, President tal-Awla, J.-C. Bonichot (Relatur), K. Schiemann, P. Kūris u L. Bay Larsen, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: il-Portugiż.

Avukat Ġenerali: V. Trstenjak,
Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Sopropé — Organizações de Calçado L[da], minn A. Caneira, advogado,

— għall-Gvern Portugiż, minn H. Ventura, C. Guerra Santos u L. Fernandes, bħala aġenti,

— għall-Gvern Taljan, minn I. M. Braguglia, bħala aġent, assistit minn G. Albenzio, avvocato dello Stato,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn S. Schønberg u P. Guerra e Andrade, bħala aġenti,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-2 ta' Ottubru 2008,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn il-kumpannija Sopropé — Organizações de Calçado L[da] (iktar 'il quddiem "Sopropé") u l-Fazenda Pública (Teżor Pubbliku), dwar talba għall-irkupru *a posteriori* ta' dejn doganali deċiża wara li saret kontroll tal-oriġini tal-merkanzija importata fil-Portugall minn din il-kumpannija, bejn is-sena 2000 u s-sena 2002.

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni Komunitarja

3 Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, p. 1), ġie emendat bir-Regolament (KE)

Nru 2700/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Novembru 2000 (ĠU L 311, p. 17, iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Doganali").

4 Il-Kapitolu 3 tat-Titolu VII tal-Kodiċi Doganali jittratta l-irkupru tad-dejn doganali fl-Artikoli 217 sa 232.

5 L-Artikolu 221(1) tal-Kodiċi Doganali jipprovdi:

"Malli jkun iddaħħal fil-kontijiet, l-ammont ta' dazju għandu jiġi kkomunikat lid-debitur skond il-proċeduri li jkunu xierqa."

6 Skont l-Artikolu 222(1)(a) tal-Kodiċi Doganali:

"1. Ammonti ta' dazju komunikati skond l-Artikolu 221 għandhom jiġu mħallsa mid-debituri fil-perjodi segwenti:

(a) jekk il-persuna ma tkunx intitolata għal xi waħda mill-faċilitajiet ta' ħlas stipulati fl-Artikoli 224 sa 229, il-ħlas għandu jsir fil-perjodu preskritt.

Mingħajr preġudizzju għat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 244, dak il-perjodu m'għandux jeċċedi għaxart ijiem wara l-komunikazzjoni lid-debitur ta' l-ammont ta' dazju dovut u, fil-każ ta' l-aggregazzjoni tad-dħul fil-kontijiet taħt il-kondizzjonijiet stipulati fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 218(1), għandha tiġi iffissata b'tali mod li ma jkunx possibbli li d-debitur jikseb perjodu itwal għall-ħlas milli kieku kien ingħata ħlas differit.

[…]"

7 L-Artikoli 243 sa 246, li jinsabu taħt it-Titolu VIII tal-Kodiċi Doganali, jirrigwardaw id-dritt ta' appell.

8 Skont l-Artikolu 245 ta' dan il-kodiċi:

"Id-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' l-appelli għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri."

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

9 Il-Liġi ġenerali tat-taxxa (iktar 'il quddiem il-"LGF"), approvata bid-Digriet-Liġi Nru 398/98 tat-12 ta' Diċembru 1998, tipprovdi espressament għall-prinċipju ta'

parteċipazzjoni fil-proċedura fiskali, stabbilit fl-Artikolu 267 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika Portugiża u diġà previst, fir-rigward tal-proċedura amministrattiva, fl-Artikoli 100 *et seq.* tal-Kodiċi tal-Proċedura Amministrattiva.

10 Skont l-Artikolu 60 ta' din il-liġi, fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-fatti tal-kawża prinċipali:

"1. Il-persuni taxxabbli jipparteċipaw fit-tħejjija tad-deċiżjonijiet li jikkonċernawhom, kemm-il darba l-liġi ma tipprovdix xort'oħra, b'wieħed mill-modi li ġejjin:

a) dritt għal smigħ qabel l-irkupru;

[…]

e) dritt għal smigħ qabel il-konklużjoni tar-rapport ta' spezzjoni fiskali.

[…]

4. Id-dritt għal smigħ għandu jiġi eżerċitat f'terminu li għandu jiġi stabbilit mill-amministrazzjoni fiskali permezz ta' ittra rreġistrata mibgħuta għal dan il-għan fir-residenza fiskali tal-persuna taxxabbli.

[…]

6. It-terminu sabiex jiġi eżerċitat id-dritt għal smigħ orali jew bil-miktub ma jistax ikun ta' inqas minn tmint ijiem jew ta' iżjed minn ħmistax-il jum.

[…]"

11 Ir-regoli supplimentari tal-proċedura ta' spezzjoni fiskali ġew adottati permezz tad-Digriet-Liġi Nru 413/98 tal-31 ta' Diċembru 1998.

12 Skont l-Artikolu 60 tal-imsemmi digriet-liġi, li jirrigwarda s-smigħ minn qabel:

"1. Meta l-atti ta' spezzjoni jiġu terminati u dawn tal-aħħar jagħtu lok għal atti ta' tassazzjoni jew għal atti fiskali sfavorevoli għall-entità li tkun is-suġġett tal-ispezzjoni, l-abbozz tal-konklużjonijiet tar-rapport, li jinkludi l-identifikazzjoni ta' dawn l-atti u l-motivazzjoni tagħhom, għandu jiġi nnotifikat lill-imsemmija entità f'terminu ta' għaxart ijiem.

2. In-notifika għandha tipprovdi għal terminu ta' bejn tmint ijiem u ħmistax-il jum sabiex l-entità li tkun is-suġġett tal-ispezzjoni tkun tista' tagħti l-fehmiet tagħha dwar l-imsemmi abbozz tal-konklużjonijiet.

3. L-entità li tkun is-suġġett tal-ispezzjoni tista' tagħti l-fehmiet tagħha bil-miktub jew oralment, u f'dan il-każ tal-aħħar id-dikjarazzjonijiet tagħha jiġu vverbalizzati.

4. Ir-rapport definittiv għandu jitħejja f'terminu ta' għaxart ijiem li jibda jiddekorri wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu preċedenti."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

13 Sopropé hija impriża Portugiża li tbigħ żraben importati mill-Asja. Il-kawża prinċipali tirrigwarda 52 operazzjoni ta' importazzjoni ta' żraben iddikjarati li ġejjin mill-Kambodja, li bbenefikaw, minħabba l-allegata oriġini tagħhom, minn trattament doganali preferenzjali bis-saħħa ta' sistema ta' preferenzi ġeneralizzati, fuq perijodu ta' sentejn u nofs, mis-sena 2000 sa nofs is-sena 2002.

14 Fil-bidu tas-sena 2003 twettqet operazzjoni ta' kontroll mid-direttorat tas-servizzi kontra l-frodi tad-dwana Portugiża, fil-kuntest ta' missjoni ta' kooperazzjoni amministrattiva mibdija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) sabiex tiġi vverifikata l-oriġini taż-żraben importati mill-Asja.

15 Il-verifiki mwettqa mill-awtorità doganali fil-konfront ta' Sopropé bdew isiru fl-14 ta' Frar 2003. Huma wasslu lill-awtoritajiet Portugiżi sabiex iqisu li l-52 operazzjoni ta' importazzjoni msemmija iktar 'il fuq kienu twettqu abbażi tal-preżentazzjoni ta' ċertifikati ta' oriġini u ta' dokumenti ta' trasport li kienu ġew iffalsifikati.

16 Minn dan is-servizzi doganali kkonkludew li l-merkanzija importata ma kellhiex oriġini preferenzjali u għalhekk ma setgħetx tibbenefika mis-sistema ta' preferenzi ġeneralizzati, u li għaldaqstant kellha tiġi applikata lilha r-rata ta' dazji doganali applikabbli għall-merkanzija li ġejja minn pajjiżi terzi.

17 Fit-3 ta' Lulju 2003, Sopropé ġiet informata li hija setgħet teżerċita d-dritt tagħha għal smigħ minn qabel fir-rigward tal-abbozz tal-konklużjonijiet tar-rapport ta' spezzjoni u tal-annessi tiegħu, f'terminu ta' tmint ijiem, skont l-Artikolu 60 tal-LGF. Il-kumpannija eżerċitat dan id-dritt fil-11 ta' Lulju 2003.

18 Billi kkunsidrat li Sopropé ma kienet ressqet ebda element ġdid li seta' jimmodifika l-abbozz tar-rapport ta' spezzjoni, l-amministrazzjoni doganali informatha, permezz ta' ittra tas-16 ta' Lulju 2003 li Sopropé rċeviet l-għada, li hija kellha terminu ta' għaxart ijiem, skont l-Artikolu 222 tal-Kodiċi Doganali, sabiex tħallas id-dazji doganali dovuti. Dawn id-dazji doganali kienu jammontaw għas-somma ta' EUR 212 684.98, flimkien ma' EUR 36 757.99 bħala taxxa fuq il-valur miżjud u EUR 19.30 bħala interessi kumpensatorji, jiġifieri total ta' EUR 249 462.27.

19 Għalhekk bejn id-data tan-notifika għall-finijiet tal-eżerċizzju tad-dritt għal smigħ u dik tan-notifika relattiva għall-ħlas, għaddew tlettax-il jum.

20 Sopropé rrifjutat li tħallas id-dejn doganali li kien ġie nnotifikat lilha fit-terminu mogħti. Fit-8 ta' Settembru 2003, hija ppreżentat rikors quddiem it-Tribunal Administrativo e Fiscal de Lisboa, ibbażat b'mod partikolari fuq il-ksur tal-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża, minħabba l-insuffiċjenza tat-terminu li ngħatalha sabiex tkun tista' tressaq l-osservazzjonijiet tagħha. Il-qorti madankollu kkunsidrat li d-deċiżjoni ta' rkupru kienet iġġustifikata, billi ma tressqet ebda prova li setgħet tqiegħdha fid-dubju. Barra minn hekk, hija kkunsidrat li d-drittijiet tad-difiża kienu ġew irrispettati billi l-obbligu li wieħed jinstema' minn qabel, kif iddefinit fil-LGF, kien ġie sodisfatt u billi r-regoli tal-proċedura ta' spezzjoni fiskali kienu ġew segwiti.

21 Sopropé appellat minn din is-sentenza quddiem is-Supremo Tribunal Administrativo għar-raġuni, b'mod partikolari, li l-qorti tal-ewwel istanza ma kinitx applikat korrettament il-prinċipju tad-drittijiet tad-difiża kif iggarantit bid-dritt Komunitarju.

22 Kien fil-kuntest ta' dan l-appell li s-Supremo Tribunal Administrativo ddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) It-terminu ta' bejn 8 (tmint) ijiem u 15 (ħmistax)-il jum stabbilit fl-Artikolu 60(6) tal-Lei Geral Tributária (Liġi ġenerali tat-taxxa) u fl-Artikolu 60(2) tar-Regime Complementar do Procedimento de Inspecção Tributária (Regoli supplimentari tal-proċedura ta' spezzjoni fiskali), approvati bid-Digriet-Liġi Nru 413/98 tat-30 ta' Diċembru 1998, għall-finjiet tal-eżerċizzju orali jew bil-miktub tad-dritt tal-persuna taxxabbli li tinstema', huwa konformi mal-prinċipju tad-drittijiet tad-difiża?

2) Terminu ta' 13 (tlettax)-il jum, ikkalkulat min-notifika magħmula mill-awtorità doganali lil importatur Komunitarju (f'dan il-każ impriża Portugiża żgħira li tinnegozja fiż-żraben) sabiex jeżerċita d-dritt tiegħu għal smigħ minn qabel fi

żmien 8 (tmint) ijiem sad-data tan-notifika sabiex jitħallsu d-dazji fuq l-importazzjoni fi żmien 10 (għaxart) ijiem, fir-rigward ta' 52 operazzjoni ta' importazzjoni ta' żraben mil-Lvant Imbiegħed magħmula taħt is-sistema ta' preferenzi ġġeneralizzati fuq perijodu ta' sentejn u nofs (bejn l-2000 u nofs is-sena 2002), jista' jkun ikkunsidrat terminu raġonevoli għall-importatur sabiex jeżerċita d-drittijiet tad-difiża tiegħu?"

Fuq id-domandi preliminari

23 Permezz taż-żewġ domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk terminu ta' tmint ijiem mogħti lil impriża sabiex tressaq l-osservazzjonijiet tagħha dwar abbozz ta' deċiżjoni ta' rkupru *a posteriori* ta' dazji fuq l-importazzjoni fl-ammont ta' EUR 249 462.27, relattivi għal 52 operazzjoni ta' importazzjoni ta' merkanzija li seħħew fuq perijodu ta' sentejn u nofs, jissodisfax ir-rekwiżiti tad-dritt Komunitarju u, b'mod partikolari, il-prinċipju ġenerali tar-rispett tad-dritt Komunitarju, billi, b'mod partikolari, id-deċiżjoni ta' rkupru ttieħdet mill-ammistrazzjoni ħamest ijiem wara l-iskadenza ta' dan it-terminu.

Osservazzjonijiet imressqa lill-Qorti tal-Ġustizzja

24 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali tfakkar li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża jeħtieġ li kull persuna li fil-konfront tagħha huwa pprospettat li tittieħed deċiżjoni li tikkawżalha preġudizzju, għandha tkun f'pożizzjoni li tressaq il-fehmiet tagħha b'mod effettiv (ara, b'mod

partikolari, is-sentenzi tal-24 ta' Ottubru 1996, Il-Kummissjoni vs Lisrestal *et*, C-32/95 P, Ġabra p. I-5373, punt 21; tal-21 ta' Settembru 2000, Mediocurso vs Il-Kummissjoni, C-462/98 P, Ġabra p. I-7183, punt 36, u tat-12 ta' Diċembru 2002, Cipriani, C-395/00, Ġabra p. I-11877, punt 51).

25 Għaldaqstant, Sopropé ssostni li terminu bħal dak mogħti bis-saħħa tal-LGF lil importatur sabiex jeżerċita d-dritt tiegħu għal smigħ jista' jitqies li huwa konformi mal-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża biss jekk jippermettilu jressaq il-fehmiet tiegħu b'mod effettiv. Issa f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, hija tikkunsidra li t-terminu li ngħatalha ma kienx suffiċjenti.

26 Ir-Repubblika Portugiża ssostni li l-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża ma japplikax għall-proċedura ta' smigħ minn qabel prevista fil-LGF. Fil-fatt, din il-proċedura hija l-espressjoni tal-prinċipju ta' parteċipazzjoni fid-deċiżjoni, u mhux tad-dritt ta' appell. Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u b'mod partikolari mis-sentenza tat-2 ta' Ottubru 2003 ARBED vs Il-Kummissjoni (C-176/99 P, Ġabra p. I-10687) jirriżulta li l-prinċipju tad-dritt għal smigħ minn qabel jifforma parti mid-drittijiet tad-difiża biss fil-kuntest ta' proċeduri għall-impożizzjoni ta' sanzjoni, li mhuwiex il-każ fil-kawża prinċipali. Għaldaqstant, ir-Repubblika Portugiża tqis li t-terminu previst fl-Artikolu 60 tal-LGF ma jistax jiġi evalwat fid-dawl tal-prinċipju tad-drittijiet tad-difiża. Għalhekk ma jistax jitqies li mhuwiex raġonevoli, billi kulma jagħmel huwa li jżid mar-rimedji previsti kontra deċiżjoni ta' tassazzjoni, u b'hekk isaħħaħ il-possibbiltà effettiva li jiġu eżerċitati d-drittijiet tad-difiża.

27 Ir-Repubblika Portugiża tgħid ukoll li, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha tikkunsidra li d-drittijiet tad-difiża japplikaw għall-proċedura ta' smigħ minn qabel prevista fil-LGF, it-terminu inkwistjoni fil-kawża prinċipali huwa kompatibbli mad-dritt Komunitarju billi huwa jirrispetta l-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-17 ta' Ġunju 2004, Recheio — Cash & Carry, C-30/02, Ġabra p. I-6051). Skont dan l-Istat Membru, il-prinċipju ta' ekwivalenza huwa rrispettat billi l-LGF tipprovdi għal terminu identiku għall-atti kollha ta' likwidazzjoni ta' dħul fiskali, kemm

jekk ikunu bbażati fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali kemm jekk ikunu bbażati fuq id-dritt Komunitarju. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa jekk il-prinċipju ta' effettività huwiex irrispettat.

28 Ir-Repubblika Taljana tirrileva li l-Kodiċi Doganali lanqas biss jipprovdi li d-debitur għandu jinstema' qabel l-irkupru tad-dejn doganali tiegħu. Hija tibbaża ruħha fuq l-Artikolu 245 ta' dan il-kodiċi sabiex issostni li d-dispożizzjonijiet dwar l-implementazzjoni tal-proċedura tal-appell jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri. Għaldaqstant, hija tikkunsidra li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tillimita ruħha li tirriafferma l-prinċipju tad-dritt li operatur jinstema', kemm fil-fażi amministrattiva kif ukoll fil-fażi kontenzjuża, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

29 Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej tosserva li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li r-rispett tad-drittijiet tad-difiża jeħtieġ li kull destinatarju ta' deċiżjoni li taffettwa l-interessi tiegħu b'mod notevoli għandu jkollu d-dritt li jinstema', jiġifieri li jkun jista' jressaq il-fehmiet tiegħu b'mod effettiv, ħaġa li tirrikjedi li jiġi rrispettat terminu raġonevoli sabiex jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-14 ta' Lulju 1972, Cassella Farbwerke Mainkur vs Il-Kummissjoni, 55/69, Ġabra p. 887; tad-29 ta' Ġunju 1994, Fiskano vs Il-Kummissjoni, C-135/92, Ġabra p. I-2885, u tat-13 ta' Settembru 2007, Land Oberösterreich u L-Awstrija vs Il-Kummissjoni, C-439/05 P u C-454/05 P, Ġabra p. I-7141).

30 Il-Kummissjoni tikkonstata li d-deċiżjonijiet ta' rkupru meħuda skont il-Kodiċi Doganali jistgħu jaffettwaw b'mod notevoli l-interessi ta' importaturi bħar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, u li, għaldaqstant, id-drittijiet tad-difiża għandhom jiġu ggarantiti mill-Istati Membri fl-implementazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi kodiċi li jirrigwardaw il-modalitajiet ta' rkupru tad-djun doganali, minkejja li mhemm ebda dispożizzjonijiet dwar id-dritt għal smigħ f'dawn id-dispożizzjonijiet.

31 Minn dan hija tiddeduċi li terminu bħal dak previst fil-LGF ikun kompatibbli mal-prinċipju tad-dritt għal smigħ jekk il-persuni, li l-interessi tagħhom huma affettwati b'mod notevoli b'deċiżjonijiet meħuda fil-kuntest tad-dritt Komunitarju, ikollhom il-possibbiltà li jressqu l-fehmiet tagħhom fuq dawn id-deċiżjonijiet b'mod effettiv.

32 Skont il-Kummissjoni, hija l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa jekk ir-rekwiżiti marbuta mar-rispett tad-drittijiet tad-difiża humiex sodisfatti, fid-dawl tal-kuntest ġuridiku, kemm dak Komunitarju kif ukoll dak nazzjonali, u wara evalwazzjoni globali tal-fatti li taw lok għall-kawża prinċipali. Hija tikkunsidra li, sabiex tiddeċiedi jekk id-dritt għal smigħ ġiex irrispettat, il-qorti tar-rinviju tista' tispira ruħha minn kriterji li jistgħu jinsiltu mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jiġifieri l-għan tar-regoli Komunitarji applikabbli, il-kumplessità tal-fatti u tal-motivi li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni, il-kumplessità tal-kuntest ġuridiku, l-eventwali possibbiltà li tintalab estensjoni tat-terminu mogħti u, fl-aħħar nett, il-possibbiltà li jiġu ppreżentati osservazzjonijiet addizzjonali.

Risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja

33 Id-drittijiet fundamentali jifformaw parti integrali mill-prinċipji ġenerali li l-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura li jiġu rrispettati. Għal dan il-għan, din tal-aħħar tispira ruħha mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri kif ukoll mill-indikazzjonijiet ipprovduti mill-istrumenti internazzjonali dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem li l-Istati Membri ħadmu flimkien għalihom jew aderew magħhom (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-6 ta' Marzu 2001, Connolly vs Il-Kummissjoni, C-274/99 P, Ġabra p. I-1611, punt 37).

34 Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, meta titressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, din tal-aħħar għandha, meta liġi nazzjonali tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt Komunitarju, tipprovdi l-kriterji ta' interpretazzjoni kollha li huma neċessarji sabiex il-qorti nazzjonali tkun tista' tevalwa jekk din il-liġi hijiex konformi mad-drittijiet fundamentali

li l-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura li jiġu rrispettati (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-18 ta' Ġunju 1991, ERT, C-260/89, Ġabra p. I-2925, punt 42, u tal-4 ta' Ottubru 1991, Society for the Protection of Unborn Children Ireland, C-159/90, Ġabra p. I-4685, punt 31).

35 Billi d-domandi preliminari jirrigwardaw il-modalitajiet li skonthom l-awtoritajiet nazzjonali għandhom japplikaw il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-ġurisdizzjoni sabiex tipprovdi lill-qorti nazzjonali l-kriterji ta' interpretazzjoni kollha li huma neċessarji sabiex din tal-aħħar tkun tista' tevalwa jekk il-liġi nazzjonali inkwistjoni hijiex kompatibbli mad-drittijiet fundamentali li l-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura li jiġu rrispettati.

36 Ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju li huwa applikabbli meta amministrazzjoni tipprospetta li tadotta, fil-konfront ta' persuna, att li jikkawżalha preġudizzju.

37 Skont dan il-prinċipju, id-destinatarji ta' deċiżjonijiet li jaffettwaw l-interessi tagħhom b'mod notevoli għandhom jitqiegħdu f'pożizzjoni li jressqu l-fehmiet tagħhom b'mod effettiv f'dak li jirrigwarda l-elementi li fuqhom l-amministrazzjoni jkollha l-intenzjoni li tibbaża d-deċiżjoni tagħha. Għal dan il-għan, huma għandu jkollhom terminu suffiċjenti (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi iktar 'il fuq Il-Kummissjoni vs Lisrestal *et*, punt 21, u Mediocurso vs Il-Kummissjoni, punt 36).

38 Dan l-obbligu huwa impost fuq l-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri meta jieħdu deċiżjonijiet li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt Komunitarju, minkejja li l-leġiżlazzjoni Komunitarja applikabbli ma tipprovdix espressament għal tali formalità. Fir-rigward tal-implementazzjoni ta' dan il-prinċipju u, b'mod iktar partikolari, tat-termini sabiex jiġu eżerċitati d-drittijiet tad-difiża, għandu jiġi speċifikat li, meta dawn ma jkunux stabbiliti mid-dritt Komunitarju, bħal fil-kawża prinċipali, huma jaqgħu taħt id-dritt nazzjonali kemm-il darba, minn naħa, ikunu tal-istess natura bħal dawk li minnhom jibbenefikaw l-individwi jew l-impriżi f'sitwazzjonijiet komparabbli rregolati

bid-dritt nazzjonali u, min-naħa l-oħra, ma jirrendux l-eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża mogħtija bis-sistema legali Komunitarja prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli.

39 Fid-dawl tal-prinċipju tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar żewġ punti, jiġifieri, minn naħa, jekk terminu ta' bejn tmint ijiem u ħmistax-il jum kif previst bħala regola ġenerali fid-dritt nazzjonali sabiex il-persuna taxxabbli tkun tista' teżerċita d-dritt tagħha li tinstema' jistax ikun ikkunsidrat li huwa suffiċjenti u, min-naħa l-oħra, jekk, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża principali, it-terminu ta' tlettax-il jum li għadda bejn il-mument li fih Sopropé tqiegħdet f'pożizzjoni li tressaq l-osservazzjonijiet tagħha u d-data tad-deċiżjoni ta' rkupru jissodisfax ir-rekwiżiti tal-imsemmi prinċipju.

40 Fuq l-ewwel punt, għandu jiġi rrilevat li huwa abitwali u anki opportun li l-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali jistabbilixxu regoli ġenerali dwar termini fil-kuntest tad-diversi proċeduri amministrattivi eżistenti. L-adozzjoni ta' tali regoli hija wkoll konsistenti mar-rispett tal-prinċipju ta' ugwaljanza. Huma l-Istati Membri li għandhom jistabbilixxu termini, għall-liġijiet nazzjonali li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt Komunitarju, li jkollhom rabta, b'mod partikolari, mal-importanza għall-persuni kkonċernati tad-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu, mal-kumplessità tal-proċeduri u tal-leġiżlazzjoni li għandha tiġi applikata, man-numru ta' persuni li jistgħu jkunu kkonċernati u mal-interessi l-oħra pubbliċi jew privati li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni.

41 F'dak li jirrigwarda l-irkupru *a posteriori* tad-dazji doganali fuq l-importazzjoni, għandu jiġi kkunsidrat li terminu li jippermetti lill-persuna taxxabbli teżerċita d-dritt tagħha għal smigħ li ma jistax ikun ta' inqas minn tmint ijiem u lanqas ta' iżjed minn ħmistax-il jum, bħala regola, ma jirrendix l-eżerċizzju tad-drittijiet tad-difiża mogħtija bis-sistema legali Komunitarja prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli. Fil-fatt l-impriżi li jistgħu jkunu kkonċernati mill-proċedura inkwistjoni fil-kawża prinċipali huma negozjanti li jirrikorru b'mod abitwali għall-importazzjoni. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni Komunitarja applikabbli tipprovdi li dawn l-impriżi għandhom ikunu

f'pożizzjoni li jiġġustifikaw, għall-finijiet ta' kontroll, ir-regolarità tal-operazzjonijiet kollha li huma jkunu wettqu. Fl-aħħar nett, l-interess ġenerali tal-Komunità Ewropea u, b'mod partikolari, l-interess li d-dħul tagħha jiġi rkuprat fl-iqsar żmien possibbli jeħtieġ li l-kontrolli jkunu jistgħu jitwettqu fil-pront u b'mod effikaċi.

42 Madankollu, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali sostniet quddiem il-qorti tar-rinviju li hija kienet ibbenefikat biss minn terminu ta' tmint ijiem sabiex tressaq l-osservazzjonijiet tagħha u li d-deċiżjoni ta' rkupru kienet ittieħdet biss tlettax-il jum wara li hija kienet ġiet mistiedna tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha. Din hija r-raġuni għaliex il-qorti tar-rinviju qiegħda tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja tispeċifika jekk tali termini humiex kompatibbli mad-dritt Komunitarju.

43 Għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni, taħt l-Artikolu 234 KE, sabiex tapplika r-regola Komunitarja għal kawża partikolari u, għaldaqstant, sabiex tevalwa dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali fid-dawl ta' din ir-regola, hija madankollu tista', fil-kuntest tal-kooperazzjoni ġudizzjarja stabbilita b'dan l-artikolu u abbażi tal-atti tal-proċess, tipprovdi lill-qorti nazzjonali b'interpretazzjoni tad-dritt Komunitarju li tista' tkun utli għaliha fl-evalwazzjoni tal-effetti ta' din id-dispożizzjoni (sentenzi tat-8 ta' Diċembru 1987, Gauchard, 20/87, Ġabra p. 4879, punt 5; tal-5 ta' Marzu 2002, Reisch *et*, C-515/99, C-519/99 sa C-524/99 u C-526/99 sa C-540/99, Ġabra p. I-2157, punt 22, u tal-11 ta' Settembru 2003, Anomar *et*, C-6/01, Ġabra p. I-8621, punt 37).

44 F'dan ir-rigward, għandu jiġi speċifikat li, meta liġi jew regolament nazzjonali jistabbilixxi t-terminu sabiex jiġu rċevuti l-osservazzjonijiet tal-persuni kkonċernati fuq firxa ta' żmien, bħalma huwa l-każ fil-liġi applikabbli inkwistjoni fil-kawża prinċipali, hija l-qorti nazzjonali li għandha tiżgura li t-terminu hekk assenjat individwalment mill-amministrazzjoni jikkorrispondi għas-sitwazzjoni partikolari tal-persuna jew tal-impriża inkwistjoni u li huwa ppermettielhom jeżerċitaw id-drittijiet tad-difiża tagħhom fl-osservanza tal-prinċipju ta' effettività. F'dan il-każ, il-qorti nazzjonali għandha tieħu debitament inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-kawża. Fir-rigward ta' importazzjonijiet imwettqa minn pajjiżi tal-Asja jistgħu

għalhekk ikunu importanti elementi bħalma huma l-kumplessità tal-operazzjonijiet inkwistjoni, id-distanza jew il-kwalità tar-relazzjonijiet li abitwalment ikun hemm mal-amministrazzjonijiet lokali kompetenti. Bl-istess mod, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni d-daqs tal-impriża u l-fatt jekk hija għandhiex relazzjonijiet kummerċjali abitwali mal-pajjiż inkwistjoni jew le.

45 Fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' kontroll bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jiġi rrilevat li dawn jikkostitwixxu assjem wieħed. Għalhekk, proċedura ta' spezzjoni li sseħħ fuq diversi xhur, li tinvolvi verifiki fuq il-post u s-smigħ tal-impriża kkonċernata li d-dikjarazzjonijiet tagħha jiġu inklużi fil-fajl, tista' tippermetti li jiġi preżunt li l-imsemmija impriża kienet taf bir-raġunijiet li għalihom kienet twettqet il-proċedura ta' spezzjoni u n-natura tal-fatti allegati fil-konfront tagħha.

46 Tali ċirkustanzi li jistgħu jippermettu li jiġi stabbilit li l-impriża kkonċernata nstemgħet, b'għarfien sħiħ tal-kunsiderazzjonijiet kollha involuti, matul l-ispezzjoni, għandhom ukoll jittieħdu inkunsiderazzjoni.

47 Hija l-qorti li quddiemha tressqet il-kawża prinċipali li għandha teżamina jekk fid-dawl, b'mod partikolari, ta' dawn id-diversi kriterji, it-terminu li ngħata mill-amministrazzjoni mill-firxa ta' żmien prevista fil-liġi nazzjonali jissodisfax ir-rekwiżiti tad-dritt Komunitarju mfakkra iktar 'il fuq.

48 F'dak li jirrigwarda l-kwistjoni dwar x'effett jista' jkollu fuq id-deċiżjoni kkontestata fil-kawża prinċipali l-fatt li hija ttieħdet tlettax-il jum wara li l-kumpannija ġiet avżata li kellha terminu ta' tmint ijiem sabiex tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha, għandhom jingħataw l-ispjegazzjonijiet li ġejjin.

49 L-għan tar-regola li d-destinatarju ta' deċiżjoni li tikkawżalu preġudizzju għandu jitqiegħed f'pożizzjoni li jressaq l-osservazzjonijiet tiegħu qabel ma tittieħed din tal-aħħar huwa li l-awtorità kompetenti tkun f'pożizzjoni li tieħu inkunsiderazzjoni b'mod effettiv l-elementi rilevanti kollha. Sabiex tiġi żgurata protezzjoni effettiva tal-persuna jew tal-impriża kkonċernata, hija għandha b'mod partikolari l-għan li dawn tal-aħħar jkunu jistgħu jikkoreġu żball jew iressqu dawk l-elementi relattivi għas-sitwazzjoni personali tagħhom li jimmilitaw fis-sens li d-deċiżjoni tittieħed jew ma tittiħidx jew li jkollha kontenut partikolari.

50 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża jimplika, sabiex ikun jista' jiġi kkunsidrat li l-benefiċjarju ta' dawn id-drittijiet ikun tqiegħed f'pożizzjoni li jressaq il-fehmiet tiegħu b'mod effettiv, li l-amministrazzjoni tieħu konjizzjoni, bl-attenzjoni kollha meħtieġa, tal-osservazzjonijiet tal-persuna jew tal-impriża kkonċernata.

51 Hija biss il-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk, fid-dawl tat-terminu li għadda bejn il-mument li fih l-amministrazzjoni kkonċernata rċeviet l-osservazzjonijiet u d-data li fiha ħadet id-deċiżjoni tagħha, huwiex possibbli jew le li jiġi kkunsidrat li hija ħadet debitament inkunsiderazzjoni l-osservazzjonijiet li kienu ntbagħtulha.

52 Għalhekk ir-risposta li għandha tingħata lill-qorti tar-rinviju għandha tkun li, f'dak li jirrigwarda l-irkupru ta' dejn doganali għall-finijiet li jsir l-irkupru *a posteriori* ta' dazji doganali fuq l-importazzjoni, terminu ta' bejn tmint ijiem u ħmistax-il jum mogħti lill-importatur issuspettat li wettaq ksur tar-regoli doganali sabiex jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu huwa bħala regola konformi mar-rekwiżiti tad-dritt Komunitarju.

53 Hija l-qorti nazzjonali adita li għandha tiddetermina, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, jekk it-terminu effettivament mogħti lil dan l-importatur ippermettilux jinstema' b'mod effettiv mill-awtoritajiet doganali.

54 Barra minn hekk, il-qorti nazzjonali għandha tivverifika jekk, fid-dawl tat-terminu li għadda bejn il-mument li fih l-amministrazzjoni kkonċernata rċeviet l-osservazzjonijiet tal-importatur u d-data li fiha ħadet id-deċiżjoni tagħha, huwiex possibbli jew le li jiġi kkunsidrat li hija ħadet debitament inkunsiderazzjoni l-osservazzjonijiet li kienu ntbagħtulha.

Fuq l-ispejjeż

55 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) F'dak li jirrigwarda l-irkupru ta' dejn doganali għall-finijiet li jsir l-irkupru *a posteriori* ta' dazji doganali fuq l-importazzjoni, terminu ta' bejn tmint ijiem u ħmistax-il jum mogħti lill-importatur issuspettat li wettaq ksur tar-regoli doganali sabiex jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu huwa bħala regola konformi mar-rekwiżiti tad-dritt Komunitarju.

2) Hija l-qorti nazzjonali adita li għandha tiddetermina, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, jekk it-terminu effettivament mogħti lil dan l-importatur ippermettilux jinstema' b'mod effettiv mill-awtoritajiet doganali.

3) Barra minn hekk, il-qorti nazzjonali għandha tivverifika jekk, fid-dawl tat-terminu li għadda bejn il-mument li fih l-amministrazzjoni kkonċernata rċeviet l-osservazzjonijiet tal-importatur u d-data li fiha ħadet id-deċiżjoni tagħha, huwiex possibbli jew le li jiġi kkunsidrat li hija ħadet debitament inkunsiderazzjoni l-osservazzjonijiet li kienu ntbagħtulha.

Firem